REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1637

tal-5 ta' Lulju 2022

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 fir-rigward tal-użu ta' dokumenti fil-kuntest tal-moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju u ta' moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa wara r-rilaxx għall-konsum, u tiġi stabbilita l-formola li għandha tintuża għaċ-ċertifikat ta' eżenzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 12(3), 29(2), u 43(2) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 12(1) tad-Direttiva (UE) 2020/262 jirrikjedi li l-oġġetti soġġetti għas-sisa li jiċċaqalqu bejn l-Istati Membri taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju u soġġetti għall-eżenzjoni mill-ħlas tad-dazju tas-sisa jkunu akkumpanjati minn ċertifikat ta' eżenzjoni. Il-formula taċ-ċertifikat jenħtieġ li tiġi stabbilita.

(2) F'konformità mal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva (UE) 2020/262, l-Istati Membri jistgħu jużaw iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni biex ikopru oqsma oħra ta' tassazzjoni indiretta. Sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni uniformi bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri qabel il-moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa eżentata mill-ħlas tad-dazju tas-sisa mit-territorju ta' Stat Membru wieħed lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar in-notifika tal-użu taċ-ċertifikat ta' eżenzjoni mis-sisa għal oqsma oħra ta' tassazzjoni indiretta.

(3) Peress li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 31/96 ([2]) jistabbilixxi regoli dwar iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni mid-dazju tas-sisa, dan jeħtieġ li jiġi sostitwit.

(4) Id-Direttiva (UE) 2020/262 tirrikjedi li l-movimenti ta' oġġetti soġġetti għas-sisa taħt arranġament ta' sospensjoni tad-dazju jkunu koperti mid-dokument amministrattiv elettroniku, skambjat permezz tas-sistema kompjuterizzata, imsemmija fid-Deċiżjoni (UE) 2020/263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Dik id-Direttiva tirrikjedi wkoll l-użu ta' dokumenti ta' riżerva f'każijiet fejn dik is-sistema kompjuterizzata ma tkunx disponibbli fl-Istat Membru tad-dispaċċ. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri għall-iskambji tad-dokumenti amministrattivi elettroniċi permezz tas-sistema kompjuterizzata fil-kuntest tal-moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa u tad-dokumenti ta' riżerva.

(5) Id-Direttiva (UE) 2020/262 tirrikjedi li l-movimenti ta' oġġetti soġġetti għas-sisa rrilaxxati għall-konsum fit-territorju ta' Stat Membru wieħed u li jiġu trasferiti lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor sabiex jitwasslu hemmhekk għal finijiet kummerċjali, ikunu koperti mid-dokument amministrattiv elettroniku simplifikat, skambjat permezz tas-sistema kompjuterizzata, imsemmija fid-Deċiżjoni (UE) 2020/263. Dik id-Direttiva tirrikjedi wkoll l-użu ta' dokumenti ta' riżerva f'każijiet fejn dik is-sistema kompjuterizzata ma tkunx disponibbli fl-Istat Membru tad-dispaċċ. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli u proċeduri għall-iskambji tad-dokumenti amministrattivi elettroniċi simplifikati permezz tas-sistema kompjuterizzata fil-kuntest tal-moviment ta' oġġetti li għandhom jiġu kkonsenjati għal finijiet kummerċjali u d-dokumenti ta' riżerva.

(6) L-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 12, l-Artikoli 20 sa 22 u l-Artikoli 36 sa 37 tad-Direttiva (UE) 2020/262 mit-13 ta' Frar 2023. Peress li dan ir-Regolament jimplimenta d-Direttiva (UE) 2020/262, jenħtieġ li japplika wkoll minn dik id-data.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Dazju tas-Sisa,

([1]) ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 31/96 tal-10 ta' Jannar 1996 dwar iċ-ċertifikat tal-eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa (ĠU L 8, 11.1.1996, p. 11).

([3]) Id-Deċiżjoni (UE) 2020/263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2020 dwar il-kompjuterizzazzjoni tal-moviment u tas-sorveljanza ta' oġġetti soġġetti għas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 43).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ċertifikat ta' eżenzjoni

1. Il-formola li trid tintuża għaċ-ċertifikat ta' eżenzjoni msemmi fl-Artikolu 12(1) tad-Direttiva (UE) 2020/262 ("iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni") hija stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Meta jużaw iċ-ċertifikat ta' eżenzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 12(2) tad-Direttiva (UE) 2020/262, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan u jipprovdulha l-informazzjoni meħtieġa.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom responsabbli għat-timbrar taċ-ċertifikat ta' eżenzjoni mit-taxxa.

4. L-Istati Membri, li jiddispensaw mill-obbligu tad-destinatarju li jkollu ċ-ċertifikat ittimbrat, kif stabbilit fil-punt (14) tan-noti ta' spjegazzjoni tal-Anness, għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Istati Membri l-informazzjoni li tirċievi skont il-paragrafi 2, 3 u 4, mhux aktar tard minn xahar (1) mid-data tal-wasla tal-informazzjoni msemmija.

Artikolu 2

Formalitajiet qabel il-bidu tal-moviment tal-oġġetti soġġetti għas-sisa skont ftehim ta' sospensjoni tad-dazju

Konsenjatur li jixtieq jibgħat oġġetti soġġetti għas-sisa skont arranġament ta' sospensjoni tad-dazju għandu jimla l-kampijiet tal-abbozz tad-dokument amministrattiv elettroniku, kif stabbilit fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1636 ([4]), u jressqu quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ kif imsemmi fl-Artikolu 20(2) tad-Direttiva (UE) 2020/262.

Dak l-abbozz tad-dokument amministrattiv għandu jitressaq mhux qabel 7 ijiem qabel id-data indikata f'dak id-dokument bħala d-data tad-dispaċċ tal-oġġetti soġġetti għas-sisa kkonċernati.

Artikolu 3

Kanċellazzjoni tad-dokument amministrattiv elettroniku

1. Konsenjatur li jixtieq jikkanċella d-dokument amministrattiv elettroniku, f'konformità mal-Artikolu 20(6) tad-Direttiva (UE) 2020/262, għandu jressaq il-messaġġ ta' kanċellazzjoni tal-abbozz msemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1636 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ għandhom iwettqu verifika elettronika tad-*data* fl-abbozz tal-messaġġ ta' kanċellazzjoni msemmi fil-paragrafu 1.

Meta d-*data* fl-abbozz tal-bidla tal-messaġġ fid-destinazzjoni tkun valida, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tad-dispaċċ għandhom iżidu d-data u l-ħin tal-validazzjoni mal-messaġġ ta' kanċellazzjoni, jikkomunikaw dik l-informazzjoni lill-kunsinjatur u jgħaddu l-messaġġ tal-kanċellazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni.

Meta d-*data* fl-abbozz tal-messaġġ ta' kanċellazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ma tkunx valida, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ għandhom jinfurmaw lill-konsenjatur b'dan mingħajr dewmien.

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1636 tal-5 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 billi jistabbilixxi l-istruttura u l-kontenut tad-dokumenti skambjati fil-kuntest tal-moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa, u jistabbilixxi livelli limitu għat-telf minħabba n-natura tal-oġġetti (Ara paġna 2 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Meta l-konsenjatur ikun magazzinier awtorizzat jew konsenjatur irreġistrat, malli jirċievi l-messaġġ ta' kanċellazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni għandhom jibagħtu l-messaġġ ta' kanċellazzjoni lid-destinatarju.

Artikolu 4

Messaġġi li jikkonċernaw bidla fid-destinazzjoni jew bidla tad-destinatarju matul il-moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa skont arranġament ta' sospensjoni tad-dazju

1. Meta konsenjatur ikun jixtieq jibdel id-destinazzjoni jew id-destinatarju kif imsemmi fl-Artikolu 20(7) tad-Direttiva (UE) 2020/262, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ għandhom iwettqu verifika elettronika tad-*data* fl-abbozz tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni, imsemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1636.

Meta d-*data* tal-abbozz tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni tkun valida, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ għandhom:

(a) iżidu d-data u l-ħin tal-validazzjoni u numru tas-sekwenza għall-abbozz tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni u jinfurmaw lill-konsenjatur b'dan;

(b) jaġġornaw id-dokument amministrattiv elettroniku inizjali skont l-informazzjoni fl-abbozz tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni.

2. Meta l-aġġornament imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludi bidla fl-Istat Membru tad-destinazzjoni jew bidla tad-destinatarju, l-Artikolu 20(4) jew 21(1) tad-Direttiva (UE) 2020/262 għandhom japplikaw fir-rigward tad-dokument amministrattiv elettroniku aġġornat.

3. Meta l-aġġornament imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jinkludi bidla fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ għandhom jibagħtu l-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku oriġinali.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni għandhom imbagħad jibagħtu l-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni lid-destinatarju msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku inizjali.

4. Meta l-aġġornament imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludi bidla fid-destinatarju fl-istess Stat Membru tad-destinazzjoni bħal fid-dokument amministrattiv elettroniku inizjali, l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom jinfurmaw lid-destinatarju msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku inizjali dwar il-bidla.

5. Meta l-aġġornament msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jkun jinkludi bidla fil-post tal-konsenja msemmi fid-dokument elettroniku amministrattiv inizjali, kif imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1636 minħajr ma jkun hemm bidla la tal-Istat Membru ta' destinazzjoni u lanqas tad-destinatarju, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ għandhom jibagħtu l-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku oriġinali. Malli jirċievu l-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tad-destinazzjoni għandhom jibagħtu l-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni lid-destinatarji.

6. Meta d-*data* fl-abbozz tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni ma tkunx valida, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ għandhom jinfurmaw lill-konsenjatur b'dan minħajr dewmien.

Artikolu 5

Messaġġi dwar il-qsim tal-moviment ta' prodotti tal-enerġija li jiċċaqalqu skont arranġament ta' sospensjoni tad-dazju

1. Konsenjatur li jixtieq jaqsam il-moviment tal-prodotti tal-enerġija skont l-Artikolu 23 tad-Direttiva (UE) 2020/262 għandu jissottometti l-abbozz ta' messaġġ tal-operazzjoni tal-qsim imsemmi fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1636 għal kull destinazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ għandhom iwettqu verifika elettronika tad-*data* fl-abbozzi tal-messaġġi tal-operazzjonijiet tal-qsim.

Fejn dik id-*data* hija valida, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-kunsinja għandhom:

(a) jiġġeneraw dokument amministrattiv ġdid għal kull destinazzjoni, li għandu jissostitwixxi d-dokument amministrattiv elettroniku inizjali;

(b) jiġġeneraw notifika ta' qsim għad-dokument amministrattiv elettroniku inizjali;

(c) jibagħtu n-notifika tal-qsim lill-kunsinjatur u lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku inizjali.

It-tielet subparagrafu tal-Artikolu 20(3), l-Artikolu 20(4), (5) u l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva (UE) 2020/262 għandhom japplikaw fir-rigward ta' kull dokument amministrattiv elettroniku ġdid imsemmi fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni msemmija fid-dokument amministrattiv elettroniku inizjali għandhom jgħaddu n-notifika tal-qsim lid-destinatarju msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku inizjali.

4. Meta d-*data* fl-abbozz tal-messaġġ tal-operazzjoni tal-qsim ma tkunx valida, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ għandhom jinfurmaw lill-konsenjatur b'dan mingħajr dewmien.

Artikolu 6

Formalitajiet qabel il-bidu tal-moviment ta' oġġetti soġġetti għas-sisa wara r-rilaxx għall-konsum

1. Il-konsenjatur għandu jressaq l-abbozz tad-dokument amministrattiv elettroniku simplifikat imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1636 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ.

2. L-abbozz tad-dokument elettroniku amministrattiv simplifikat għandu jitressaq mhux aktar tard minn 7 ijiem qabel id-data indikata f'dak id-dokument bħala d-data tal-konsenja tal-oġġetti soġġetti għas-sisa kkonċernati

Artikolu 7

Messaġġi li jirrigwardaw bidla tad-destinazzjoni tal-moviment tal-oġġetti soġġetti għas-sisa wara r-rilaxx għall-konsum

1. Konsenjatur li jixtieq jibdel id-destinazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 36(5) tad-Direttiva (UE) 2020/262, għandu jissottometti l-abbozz tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni msemmi fl-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2022/1636 lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ għandhom iwettqu verifika elettronika tad-*data* fl-abbozz tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni msemmi fil-paragrafu 1.

Meta d-*data* tal-abbozz tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni tkun valida, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ għandhom:

(a) iżidu d-data u l-ħin tal-validazzjoni u numru tas-sekwenza għall-abbozz tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni u jinfurmaw lill-konsenjatur b'dan;

(b) jaġġornaw id-dokument amministrattiv elettroniku inizjali skont l-informazzjoni fl-abbozz tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni;

(c) jibagħtu l-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni msemmi fid-dokument amministrattiv elettroniku simplifikat inizjali.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-destinazzjoni għandhom jibagħtu l-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni lid-destinatarju.

3. Meta d-*data* fl-abbozz tal-messaġġ tal-bidla fid-destinazzjoni ma tkunx valida, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-dispaċċ għandhom jinfurmaw lill-konsenjatur b'dan mingħajr dewmien.

Artikolu 8

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 31/96 huwa mħassar.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-13 ta' Frar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Unjoni Ewropea

Ċertifikat ta' Eżenzjoni mid-Dazju tas-Sisa

L-Artikolu 12 tad-DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) 2020/262 [1]

Nru tas-serje (fakultattiv, skont ir-rekwiżiti nazzjonali) .....

1. ISTITUZZJONI/INDIVIDWU ELIĠIBBLI

Dežinjazzjoni/Isem .....

Triq u Numru .....

Kodiċi postali, Belt/post .....

L-Istat Membru ospitanti .....

Indirizz elettroniku .....

Indirizz tal-konsenja (għandu jimtela jekk ikun differenti minn dak ta' hawn fuq)

Triq u Numru .....

Kodiċi postali, Belt/post .....

indirizz elettroniku .....

2. AWTORITÀ KOMPETENTI GĦALL-ĦRUĠ TAT-TIMBRU

Isem .....

Indirizz .....

Numru tat-telefown .....

Indirizz elettroniku .....

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabblixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (ĠU L 58, 27.2.2020, p. 4).

3. DIKJARAZZJONI MILL-ISTITUZZJONI JEW MILL-INDIVIDWU ELIĠIBBLI

L-istituzzjoni jew l-individwu eliġibbli (*ħassar kif xieraq*) b'dan jiddikjara li:

(a) L-oġġetti stipulati fil-kaxxa 5 huma maħsuba:

(*jekk jogħġbok immarka l-kaxxa adatta*)

☐ għall-użu uffiċjali ta'	☐ għall-użu personali ta'
☐ missjoni diplomatika barranija	☐ membru ta' missjoni diplomatika barranija
☐ rappreżentanza konsulari barranija	☐ membru ta' rappreżentanza konsulari barranija
☐ organizzazzjoni internazzjonali	☐ membru tal-persunal ta' organizzazzjoni internazzjonali
☐ forza militari ta' Stat li huwa parti kontraenti tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (forza tan-NATO)	
☐ il-forzi armati tar-Renju Unit stazzjonati stazzjonati f'Ċipru	
☐ il-forzi armati ta' Stat Membru li qed jieħu sehem f'attività tal-Unjoni taħt il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni	
☐ għall-konsum skont ftehim konkluż ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bil-kondizzjoni li tali ftehim ikun permess jew awtorizzat fir-rigward tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud	

.....

Dežinjazzjoni tal-istituzzjoni eliġibbli (*ara l-kaxxa 4*)

(b) l-oġġetti deskritti fil-kaxxa 5 huma konformi mal-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet li japplikaw għall-eżenzjoni fl-Istat Membru ospoitanti msemmi fil-kaxxa 1; u

(c) li l-informazzjoni ta' hawn fuq hija fornuta *in bona fide*. L-istituzzjoni jew individwu eliġibbli b'dan qiegħed jintrabat li jħallas lill-Istat Membru li minnu telqu l-oġġetti, id-dazju tas-sisa li jkun dovut jekk dawn l-oġġetti ma kinux konformi mal-kundizzjonijiet tal-eżenzjoni, jew jekk l-oġġetti ma ntużawx bil-mod oriġinalment maħsub.

....

Post, data *Isem u status tal-firmatarju*

.....

Firma

4. Timbru tal-istituzzjoni (f'każ ta' eżenzjoni għall-użu personali)

Firma.....

Isem.....

Status/pożizzjoni tal-firmatarju.....

Post, data.....

Timbru

5. DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI MIBGĦUTA, LI GĦALIHOM HIJA MITLUBA L-EŻENZJONI MID-DAZJU TAS-SISA

(a) Informazzjoni dwar il-konsenjatur (magazzinier awtorizzat, konsenjatur irreġistrat, fornitur)

Isem.....

Triq u Numru .....

Kodiċi Postali, Belt .....

Stat Membru.....

Numru tas-sisa uniku (meħtieġ) .....

Indirizz tal-posta elettronika.....

(b) Informazzjoni dwar l-oġġetti *(żid il-linji kif meħtieġ)*

Numru tal-linja	Deskrizzjoni tal-oġġetti jew referenza għall-formola tal-ordni mehmuża [2]	Kwantità	Unità ta' kejl	Valur tal-unità eskluż id-dazju tas-sisa	Valur totali eskluż id-dazju tas-sisa	Munita
Ammont totali						

[2] Ħassar l-ispazju mhux użat. Dan l-obbligu japplika wkoll jekk jiġu mehmuża l-formoli tal-ordni.

6. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU OSPITANTI

Il-konsenja tal-oġġetti deskritti fil-kaxxa 5 tissodisfa:

☐ Totalment

☐ Sa kwantità ta' ..... (numru) ([3])

il-kundizzjonijiet għal eżenzjoni mid-dazju tas-sisa

Firma.....

Isem.....

Status/pożizzjoni tal-firmatarju.....

Post, data.....

Timbru (jekk applikabbli)

7. PERMESS GĦAD-DISPENSA MIT-TIMBRU (fil-każ biss ta' eżenzjoni għall-użu uffiċjali)

Permezz ta' ittra nru (referenza għall-fajl): .....

Bid-data: .....

.....

deżinjazzjoni tal-istituzzjoni eliġibbli

ġie permess minn: .....

L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti

dispensa mit-timbru taħt il-kaxxa 6.

Firma.....

Isem.....

Status/pożizzjoni tal-firmatarju.....

Post, data.....

Timbru

([3]) Jenħtieġ li oġġetti mhux eliġibbli jitħassru fil-kaxxa 5.

Noti ta' spjega

(1) Għall-konsenjatur, iċ-Ċertifikat ta' Eżenzjoni mid-Dazju tas-Sisa ("iċ-ċertifikat") iservi bħala dokument ta' sostenn għall-eżenzjoni mit-taxxa tal-konsenja ta' oġġetti lill-istituzzjonijiet jew lill-individwi eliġibbli msemmija fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva (UE) 2020/262. Għandu jitfassal ċertifikat wieħed għal kull konsenjatur u għal kull moviment. Il-konsenjaturi huma rikjesti li jżommu ċ-ċertifikat fil-fajls tagħhom b'konformità mad-dispożizzjonijiet legali li japplikaw fl-Istat Membru tagħhom. Id-destinatarju għandu jagħti lill-konsenjatur ċertifikat ta' eżenzjoni, li jkun ġie ttimbrat kif xieraq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

(2) Il-formola li fuqha jinħareġ iċ-ċertifikat għandha tkun ta' qies ta' 210 × 297 mm. Meta l-formola tiġi stampata, din għandha ssir fuq karta bajda li ma jkunx fiha polpa mekkanika.

(3) Kopja waħda taċ-ċertifikat għandha tinżamm mill-konsenjatur u kopja waħda għandha tintuża biex takkumpanja l-moviment tal-oġġetti soġġetti għad-dazju tas-sisa u d-dokument amministrattiv imsemmi fl-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2020/262. Stati Membri jistgħu jeħtieġu kopja addizzjonali għal skopijiet amministrattivi.

(4) Kwalunkwe spazju mhux użat fil-punt (b) tal-kaxxa 5, taċ-ċertifikat għandu jiġi maqtugħ jew imħassar biex ma jkun jista' jiżdied xejn.

(5) Iċ-ċertifikat għandu jimtela b'mod li jinqara u b'mod li l-entrati ma jkunux jistgħu jitħassru. L-ebda tħassir jew kitba mill-ġdid ma huwa permess. Għandu jimtela b'lingwa rikonoxxuta mill-Istat Membru ospitanti.

(6) Jekk id-deskrizzjoni tal-oġġetti fil-punt (b) tal-kaxxa 5, taċ-ċertifikat tirreferi għal formola tal-ordni tax-xiri li saret f'lingwa oħra għajr lingwa rikonoxxuta mill-Istat Membru ospitanti, trid tiġi mehmuża traduzzjoni mill-istituzzjoni jew individwu eliġibbli.

(7) Jekk iċ-ċertifikat ikun tfassal b'lingwa għajr lingwa rikonoxxuta mill-Istat Membru tal-konsenjatur, trid tiġi mehmuża traduzzjoni tal-informazzjoni li tikkonċerna l-oġġetti fil-punt (b) tal-kaxxa 5 mill-istituzzjoni/individwu eliġibbli. L-Istat Membru ospitanti jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jagħti dispensa mill-obbligu li tinhemeż it-traduzzjoni.

(8) Lingwa rikonoxxuta tfisser waħda mil-lingwi li jitntużaw uffiċjalment fl-Istat Membru jew kwalunkwe lingwa oħra uffiċjali tal-Unjoni, li l-Istat Membru jiddikjara li tista' tintuża għal dan il-fini.

(9) Permezz tad-dikjarazzjoni fil-kaxxa 3 taċ-ċertifikat, l-istituzzjoni jew individwu eliġibbli għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa għall-evalwazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fl-Istat Membru ospitanti.

(10) Permezz tad-dikjarazzjoni tagħha fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikat, l-istituzzjoni tikkonferma d-dettalji fil-punt (a) tal-kaxxi 1 u 3 tad-dokument u tiċċertifika li l-individwu eliġibbli huwa membru tal-persunal tal-istituzzjoni.

(11) Ir-referenza għall-formola tal-ordni fil-punt (b) tal-kaxxa 5 taċ-ċertifikat għandu jkun fiha d-data u n-numru tal-ordni. Il-formola tal-ordni għandu jkollha fiha l-elementi kollha li jidhru fil-kaxxa 5 taċ-ċertifikat. Jekk iċ-ċertifikat ikollu jkun ittimbrat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, il-formola tal-ordni għandha tkun ittimbrata wkoll.

(12) Fil-punt (a) tal-kaxxa 5, hija meħtieġa l-indikazzjoni tan-numru tas-sisa kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 ([4]).

(13) Il-munita jenħtieġ li tkun indikata permezz ta' kodiċi bi tliet ittri b'konformità mal-istandard internazzjonali ISO 4217 li ġie stabbilit mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni.

(14) Meta l-eżenzjoni tkun għal użu uffiċjali, l-awtoritajiet kompetenti tista' tiddispensa mill-obbligu għall-istituzzjoni eliġibbli li titlob it-timbru fil-kaxxa 6 taċ-ċertifikat. L-istituzzjoni eliġibbli għandha ssemmi din id- fil-kaxxa 7 taċ-ċertifikat.

(15) Meta l-eżenzjoni tkun għal użu individwali, iċ-ċertifikat għandu jiġi awtentikat fil-kaxxa 6 bit-timbru tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 389/2012 tat-2 ta' Mejju 2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2073/2004 (ĠU L 121, 8.5.2012, p. 1).